MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 1914/2005

**Philip Borg ID No : 0221455M**

**Vs**

**Alex Casha ID No : 44078M u skond digriet tal-15 ta' Settembru 2006 gew kjamati in kawza George Azzopardi kif ukoll rapprezentant tal-hanut bl-isem Gilbert Petshop li huwa Gilbert Dimech**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Novembru, 2005 fejn gie premess illi l-attur xtara pappagall minn ghand il-konvenut liema pappagall wara li xtrah induna li kien marid u ghami. Illi l-attur irid il-flus lura li hallas ghall-pappagall li huwa marid. Ghaldaqstant l-esponent bir-rispett jitlob il-flus lura li hallas tal-pappagall jigifieri l-ammont ta' sitt mitt Liri Maltin (Lm600) u ghalhekk jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' sitt

mitt Liri Maltin (Lm600) bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut tat-22 ta' Dicembru, 2005 fejn gie eccepit illi : (1) in linea preliminari, l-attur ghandu jgib prova li l-pappagall mertu tal-kawza huwa l-pappagall li huwa xtara minghand il-konvenut, (2) illi fil-mertu, l-pappagall mixtri mill-attur ma kien affett mill-ebda mard fil-mument tal-bejgh, (3) illi f'kwalsiasi kaz, ma jikkonkorrux l-elementi tal-azzjoni tentata mill-attur, (4) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa eccessiv u ma jirrispekjax il-prezz mhallas mill-attur ghall-pappagall, (5) illi jinhtieg li jigu kjamati fil-kawza, peress li ghandhom interess dirett, rapprezentant tal-hanut bl-isem "Gilbert Petshop", li huwa l-persuna li minghandu xtara l-konvenut, kif wkoll George Azzopardi, bhala s-sid precedenti tal-pappagall, li rcieva l-hlas minghand il-konvenut, (6) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-digriet tieghu tal-15 ta' Settembru 2006.

Ra r-**Risposta** tal-kjamati in kawza tat-30 ta' Ottubru 2006 li permezz taghha sostnew illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt (1) peress illi ried jigi ppruvat illi l-pappagall mertu ta' din il-kawza huwa l-istess wiehed li kien fil-pussess tal-kjamati in kawza, (2) illi bla pregudizzju, il-kjamati in kawza kkonsenjaw il-pappagall lil Alex Casha bil-kundizzjoni tas-Sur Casha stess li qabel ma jsir xi forma ta' hlas, is-Sur Casha kellu jaghmel il-verifiki tieghu dwar il-kundizzjoni tal-pappagall, fi zmien xahar, (3) illi s-Sur Casha ghamel dawn il-verifiki u kkonstata illi kien f'kundizzjoni tajba u ghamel il-hlas u (4) illi meta l-kjamat in kawza bieghu, il-pappagall kien f'kundizzjoni tajba u bla mard.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-parti u ra illi l-kawza thalliet ghall-llum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob lura is-somma ta' sitt mitt Liri Maltin (Lm600) prezz ta' pappagall li xtara minn ghand

il-konvenut wara illi huwa skopra illi l-istess pappagall kien marid u ghama. Rapport veterinarju rilaxxjat minn Dr Gruppetta fit-2 ta' Novembru 2005 u esebit a fol 2 jindika illi l-pappagall ghandu "*impaired eye sight*" u l-istess ghasfur juri sinjali ta' "*fits, tremors, imbalance and incoordination sinilair to convulsions normally attributable to encephalomalacia*". Dan ic-certifikat kien mahluf mill-istess Dr Gruppetta kif juri DOK PB1 a fol 12.

In sostenn ta' dan, l-<u>attur</u> xehed fit-30 ta' Marzu 2006. Jghid illi ricevuta ghall-hlas maghmul minnu lill-konvenut ma ghandux, izda jikkonferma illi l-pappagall xtrah minn ghand il-konvenut fid-dar ta' l-istess konvenuta – "*jiena rajt l-ghasfur ghandu u hallast il-flus ghal dan l-ghasfur ghandu ukoll*". Jghid illi biss jumejn wara illi kien ilu ghandu l-ghasfur, dan beda jistordi u nduna ukoll illi kien ghama. Jghid illi l-pappagall ghadu ghandu peress illi l-konvenut ma accettahx lura. Izda in kontro-ezami mbaghad ighid illi huwa xtara par pappagalli bil-prezz komplessiv ta' Lm1200 u ghalhekk hallas Lm600 il-wiehed. Ha it-tieni wiehed madwar gimgha wara li ha l-ewwel wiehed, dak mertu ta' din il-kawza, u f'dik il-gimgha "*ma stajtx nara sinjali ta' difetti fis-sahha tal-pappagall*". Jghid ukoll illi "*avzajtu bil-problema ta dan ta' l-ewwel pappagall sa' madwar hmistax wara illi kien ikkonsenjuli*".

Jghid illi flimkien mal-konvenut kien mar ghand Gilbert Pet Shop izda "*irrizulta li dan il-pappagall ma kien qatt f'dan il-pet shop*".

Il-<u>konvenut</u> xehed (14.07.2006) illi l-valur taz-zewg pappagalli kien ta' Lm1100 u ighid illi ha pappagall li kien tieghu u ghasfur iehor li kien qabel ghand Gilbert Pet Shop. Jghid illi l-ewwel ha l-ghasfur femminili u xi hmistax wara l-attur cempillu sabiex jikkonsenjalu r-ragel. Il-konvenut ighid illi sakemm il-pappagalli damu ghandu, qatt ma ra ebda difetti fihom.

Il-konvenut ighid illi l-attur qallu l-ewwel darba b'xi problemi madwar xahrejn wara. Jghid illi marru flimkien ghand Gilbert Pet Shop u dan ta' l-ahhar assigurah illi lanqas ghandu ma qatt kellu xejn. Jghid illi Gilbert Pet

Shop gharrafhom illi kien George Azzopardi li ikkonsenjali l-ghasfur u kellu jithallas biss una volta illi jsir il-bejgh u jingabru il-flus.

Il-konvenut jispjega illi hu u l-attur kienu marru ghand George Azzopardi u kien hadhom bl-herra u rrabja maghhom tant li kien keccihom u qallhom li ma kellux x'jaqsam. Jghid ukoll illi l-hlas tieghu lil Gilbert Pet Shop kien b'cekk f'isem George Azzopardi.

Il-kjamat in kawza George Azzopardi xehed fit-3 ta' Ottubru 2007 u kkonferma illi l-pappagall in kwistjoni kien tieghu u kien hallieh ghand Gilbert Pet Shop sabiex ibieghulu. Jaf illi fil-fatt dan il-bejgh sar lill-konvenut u hu thallas madwar xaghrejn wara. Jghid ukoll illi l-pappagall kien tajjeb sakemm dam ghandu u kien biss madwar 5 xhur wara illi ressqulu xi ilmenti dwar l-ghasfur.

In kontro-ezami, George Azzopardi ighid illi huwa kien presenti ma' Alex Casha u ma' Gilbert Dimech meta sar il-ftehim dwar il-hlas. Ma ftakarx jekk il-konvenut kienx wahdu jew le meta sar l-ilmenti fuq l-ghasfur. Izda mbaghad ighid li lill-attur jafu peress illi darba kien mar ghandu flimkien ma' Alex Casha. Jghid illi huwa qatt ma ha l-ghasafar ghand vet ghax qatt ma ralhom xejn hazin u lanqas ma kien jaf x'eta` ghandhom peress illi kien xtrahom minn ghand haddiehor.

Xehed finalment Dr Anthony Gruppetta (22.01.2008) li kkonferma ic-certifikat minnu rilaxxjat u ighid illi kien ezama il-pappagall dak in-nhar stess illi rrilaxxja ic-certifikat. Jghid illi huwa ma rax lill-ghasfur jaghmel il-*fits* msemmija, izda ighid illi ra *video clips* li ghaddielu l-attur. Jghid illi l-pappagall fil-video kien ta' l-istess razza izda ma setghax jikkonferma illi dak kien l-istess pappagall. Ghadda mbaghad biex spjega il-problemi ta' sahha li ghandu l-pappagall in kwistjoni.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi ma hemmx dubbju illi l-pappagall in kwistjoni ghandu problemi ta' sahha kif stabilixxa l-veterinarju. Izda filwaqt

illi l-veterinarju jeskludi illi l-ghasfur huwa kolpit minn mard trasmess mill-genituri tieghu, (u allura mard illi kien fuq l-ghasfur zgur qabel ma’ xtrah l-attur), l-istess veterinarju ma jeskludix illi l-problemi ta’ sahha illi ghandu l-pappagall de quo gejjin mil-fatt illi tul il-hajja ta’ l-ghasfur, dan kien nieqes minn Vitamini E u allura l-marda tieghu tizviluppa fi stadju ulterjuri ta’ hajjet l-istess ghasfur.

Illi din il-konkluzjoni tal-veterinarju hija ghat-Tribunal importanti u mill-assjem tal-provi kollha prodotti, it-Tribunal jasal biex jikkonkludi illi una volta` ma gie bl-ebda mod ppruvat illi l-ghasfur kien ibaghti mill-mard meta kien ghand is-sidien predecessuri ghall-attur u fil-mument tal-bejgh, il-mard zviluppalu appuntu meta l-ghasfur kien ghand l-istess attur u wara li xtrah, kif in effetti jiddikjara hu stess fl-Avviz promotur – “…liema pappagall wara li xtrah induna li kien marid u ghama”.

Illi it-Tribunal jinnota illi ma giex pruvat illi l-ghasfur gja kien ibaghti mill-mard tieghu meta kien ghand George Azzopardi, jew ghand Gilbert Pet Shop jew addirittura anke ghand Alex Casha. Anzi t-tlieta li huma jichdu dan b‘mod katoriku dan.

Jidher ukoll illi, anke jekk l-attur jixhed illi jrabbi l-pappagalli ghal diversi snin u xi haga fihom jifhem, b’dana kollu meta xtara il-pappagall in kwistjoni li jidhirx illi induna b’xi mard. Prova din li timmilita` kontra l-pozizzjoni u l-pretensjoni ta’ l-istess attur.

It-Tribunal jinnota ukoll numru ta’ diskrepanzi fix-xhieda ta’ l-istess attur, kemm referibbli ghall-perjodu ta’ meta huwa gharraf lill-konvenut bil-mard li kellu l-ghasfur kif gja gie rilevat aktar il-fuq, kemm riferibbli ghall-prezz minnhu mhallas meta mqabbel max-xhieda tal-konvenut u kemm ghal fatt illi l-attur ighid illi l-ghasfur qatt ma kien ghand Gilbert Pet Shop meta in effetti jirrizulta li kien.

Jidher, mhux biss tenut kont l-inkonsistenzi fix-xhieda ta’ l-istess attur, izda ukoll mill-kumpless tal-provi prodotti, illi huwa aktar verosimili illi l-problemi bdew almenu xaghrejn wara l-konsenja ta’ l-ghasfur lill-attur u li sakemm l-ghasfur

dam ghand it-tlett partijiet l-ohra, l-ghasfur ma kien qed jaghmel ebda sinjali ta' mard.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi ghalhekk dan huwa aktar kaz ta' akkwirent ta' ghasfur illi kien sfortunat bizzejjed illi gie rinfaccjat b'dan il-mard ta' l-ghasfur tieghu wara illi kien xtrah.

Illi l-vet Dr Gruppetta ighid illi "*l-problemi ta' sahha illi ghandu l-pappagall de quo gejjin mill-fatt illi tul il-hajja ta' l-ghasfur, dan kien nieqes minn Vitamini E u allura l-marda tieghu tizviluppa fi stadju ulterjuri ta' hajjet l-istess ghasfur*". Sfortunatament bizzejjed ghall-attur, il-mard jidher illi zviluppa wara li kien akkwista hu l-istess ghasfur. Kaz sfortunat kemm trid imma l-azzjoni tieghu hawnhekk proposta ftit issib sostenn legali u guridiku.

Id-difett fil-haga mibjugha irid ikun jezisti fil-mument tal-bejgh, u bizzejjed ikun jezisti f'dak il-mument. Izda mill-provi li jiccirkondaw dan il-kaz, ukoll u principalment ix-xhieda ta' Dr Gruppetta, ma jidhirx illi fil-mument tal-bejgh kien hemm difett fl-ghasfur de quo – id-difett jidher illi hareg meta l-ghasfur kien ghand l-attur ghax kien f'dan l-istadju illi zviluppa l-marda tieghu.

*"F'kawza fejn tigi ezercitata l-azzjoni redibitorja, il-prova li d-difett fil-haga mibjugha kien jezisti qabel il-bejgh tinkombi lix-xerrej li jallega dak id-difett. Ghax wahda mill-kondizzjonijet ta' l-azzjoni redibitorja u l-bazi tal-garanzija dovuta mill-venditur, hija l-pre-ezistenza tad-difett. Ghaldaqstant sakemm il-venditur jillimita ruhu jikkontesta l-vizzju, ma ghandux bzonn jaghmel ebda prova. Il-prova tal-pre-ezistenza tal-vizzju redibitorju trid tkun tali li tikkonvinci lill-gudikant dwar dik il-pre-ezistenza; u min jezercita dik l-azzjoni ma jistax jippoza fuq ebda prezunzjoni*."[1]

Illi fil-kaz odjern, it-Tribunal ma jhossx illi l-attur irnexxielu jipprova illi l-marda kienet ezistenti fl-ghasfur qabel il-

[1] Giuseppe Vella vs Paolo Degaura 27/06/1953 – Prim Awla tal-Qorti Civili

bejgh. Seta` kien il-kaz illi l-marda zviluppata konsegwenza ta' nuqqas ta' nutrizzjoni ta' vitamini meta l-ghasfur kien ghadu zghir – izda l-marda xorta jidher illi fegghet wara illi l-istess attur kien akkwista l-istess ghasfur. U f'dan is-sens ukoll illi jidher gustifikat illi t-tlett partijiet l-ohra kollha cahdu li sakemm dam ghandhom l-ghasfur huma qatt raw xi sintomi ta' mard fuq l-ghasfur.

L-attur ma rnexxilux jipprova f'dawn il-proceduri illi l-marda ta' l-ghasfur kienet fuq l-ghasfur qabel jew fil-mument li huwa xtara l-istess ghasfur.

Illi b'dawn il-konsiderazzjonijiet, it-Tribunal, filwaqt illi jifhem l-ugih li jista` jkollu l-attur, b'dana kollu legalment l-azzjoni tieghu ma tistax tirnexxi anke ghaliex ma rnexxilux jipprova fil-grad li trid il-ligi dak li kien lilu jispetta sabiex it-Tribunal jikkonkludi illi ghandu jordna ir-rifuzjoni tal-prezz tal-ghasfur.

Ghaldaqstant, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal, wara li qies il-provi kollha prodotti u ra d-dokumenti kollha esebiti, qed jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonjiet tal-konvenut u tal-kjamati in kawza, jichad it-talba attrici.

It-Tribunal ihoss ekwu u giust, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, illi kull parti thallas l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------